# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 54**

**Cit. Nru. 1242/97 GV**

**Joseph u Concetta sive Connie konjugi Farrugia**

**vs**

**Mekanika Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>Ic-Citazzjoni attrici</u>**

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi, l-atturi ppremettew:

Illi huma kienu krew lill-konvenut tlett appartamenti li jgibu n-numri 1,2 u 4 fil-blokk ta' l-appartamenti bl-isem "Joecon Flats" go Triq it-Tankijiet, Birzebbugia u dana bil-kera, pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' lokazzjoni datata 4 ta' Ottubru, 1995.

Illi fit-tmiem il-perjodu lokatizju, il-konvenut irritorna ic-cwievet relattivi u meta l-atturi dahlu fl-imsemmija appartamenti sabu l-istess appartamenti fi stat hazin u sabu hafna hsarat u danni;

Illi l-atturi minkejja d-diversi laqghat li saru mal-konvenut, bl-isperanza li l-hsarat u danni jigu msewwija u rimedjati, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti u dana wara li gie interpellat bl-ittra ufficjali datata 4 ta' Frar, 1997;

Illi b'konsegwenza, l-atturi, apparti l-hsarat u danni fuq imsemmija, sofrew danni fis-sens li l-appartamenti ma setghux jinkrew, u wara li l-konvenut naqas kif fuq spjegat, l-atturi sabiex jimminimizzaw d-danni, ghamlu xi riparazzjonijiet huma stess;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lill-Qorti Civili Prim' Awla sabiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, inkluzi telf ta' qliegh ghall-perjodu li l-appartamenti in kwistjoni ma kienux fi stat li jinkrew, u dana ghar-ragunijiet fuq premessi;

(2) Tillikwida l-hsarat u danni kollha sofferti mill-atturi u dana okkorrendo b'opra ta' periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni u hsarat;

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

2. Il-konvenuti eccepew illi it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gew ikkompensati adegwatament ghal kwalunkwe dannu li setghu soffrew, salvi eccezzjonijiet ohra.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 1999, il-Qorti Civil Prim' Awla laqghet it-talbiet attrici fis-sens li kkundannat lill-konvenut ihallas s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) izda kkundannat lill-atturi jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

## L-APPELL TA' L-ATTURI

4. L-atturi hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza partikolarment ghar-rigward tal-kap ta' spejjez u qed jinterponu appell minnha quddiem din il-Qorti limitatament ghall-kap ta' spejjez.

Illi l-aggravju jikkonsisti fis-segwenti: Illi l-ewwel Qorti kienet giet mitluba sabiex tillikwida l-hsarat u d-danni kollha sofferti mill-atturi. L-ewwel Qorti

laqghet it-talba ta' l-atturi u llikwidat il-hsarat u d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) u kkundannat lill-konvenut ihallas dina s-somma lill-atturi, pero kkundannat lill-atturi jhallsu l-ispejjez tal-kawza. L-esponenti jissollevaw illi hija regola generali illi meta t-talba quddiem il-Qorti tkun ghal likwidazzjoni ta' danni, u cioe' ma jkunx hemm talba ghall-ammont specifiku, jkun xi jkun l-ammont li jigi likwidat mill-Qorti, l-ispejjez tal-kawza dejjem jigu akkollati lid-debitur konvenut.

Ghaldaqstant l-atturi appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ta' l-4 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermha fejn laqghet it-talba ta' l-atturi u kkundannat lill-konvenut ihallas s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) lill-atturi u tirriformaha f'dak li jirrigwarda l-kap ta' spejjez, fis-sens li dawk l-ispejjez ghandhom ikunu sofferti mill-konvenut, u hekk tirriforma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>RISPOSTA TA' MEKANIKA LTD</u>**

Illi is-sentenza appellata hija giusta u timmerita konferma bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.

Illi l-atturi jippretendu li billi d-danni gew likwidati fl-ammont ta' Lm400 s-socjeta konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza. Illi l-appell tal-atturi huwa biss dwar l-ispejjez tal-kawza.

Illi fil-fatt qabel ma giet ppresentata din il-kawza l-atturi diga kellhom fil-pussess taghhom Lm300 tas-socjeta konvenuta u s-socjeta konvenuta kienet offriet l-ammont ulterjuri ta' Lm100. Illi is-socjeta konvenuta dejjem riteniet li dan l-ammont ta' Lm400 kien kumpens adegwat fic-cirkostanzi. L-atturi ma accetawx li Lm400 kien bizzejjed u ghalhekk bdew dawn il-proceduri. (ara xhieda ta' Juan Debattista (msemmi Antoine Debattista fil-verbal fil-process) fis-seduta 27/1/1999).

Illi l-ewwel Qorti wara li ezaminat il-fatti kollha u semghet ix-xhieda kkonkludiet li l-ammont ta' Lm400 kienu d-danni li soffrew l-atturi.

Fil-fatt il-Qorti kkonkludiet li "l-atturi ma ppruvawx a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni kollha li huma qed jirriklamaw minghand il-konvenuti oltre dak ammess mill-konvenuti".

L-ewwel Qorti ziedet "il-konvenuti kienu jaghmlu offerta ta' Lm400 li ma gietx accettata u l-Qorti fl-istat tal-provi kif inhuma tiddeciedi li dan hu l-ammont li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi".

Illi fid-dawl ta' dan, billi l-atturi diga kellhom Lm400 fil-pussess taghhom qabel ma infetah il-kawza; billi dan l-ammont kien moghti lilhom bhala kumpens ghad-danni taghhom; billi l-Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ta' Lm400 hu l-ammont li s-socjeta konvenuta ghandha thallas lill-attur huwa ferm ragjonevoli li l-atturi jigu ordnati li jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal kawzi Carmelo Agius vs. John Agius deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) 2.12.1994 u Abram Bezzina vs. Joseph Falzon Qorti tal-Appell (Sede Civili 11 ta' Jannar 1995). Illi fil-kawza Agius vs. Agius fuq imsemmi intqal: "gie kostantantement ritenut minn dawn il-Qrati illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi disturbat minn Qorti ta' kompetenza Superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altriment tkun ser tigi krejata ngustizja. Dan ghaliex hu car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita li tisma' ix-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita' o meno taghhom.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. Dan l-appell hu limitat ghall-kap ta' l-ispejjez. L-atturi appellanti istitwew kawza ghal danni "da liquidarsi" riferibbilment ghall-hsarat imhollija

mill-konvenuti appellati fi tlett appartamenti li kienu fil-pussess taghhom b'titolu ta' lokazzjoni. Il-konvenuti appellati eccepew li t-talbiet kienu infondati billi "l-aturi diga' gew ikkompensati adegwatament ghal kwalunkwe danni li setghu sofrew".

L-Ewwel Qorti, wara li semghet u gharblet il-provi laqghet it-talba ta' l-atturi "limitatament ghas-somma ta' Lm400 kif fuq spjegat" u kkundannat lill-konvenuti jhallsu din is-somma lill-atturi, <u>spejjez ghall-atturi</u>.

Illi ezami superfluwu tas-sentenza jista' jaghti l-impressjoni, li, trattandosi ta' talba ta' danni "da liquidarsi", ftit li xejn kien jaghmel sens li l-kap spese jigi mixhut fuq il-parti li ottjeniet gudikat favur taghha. Izda r-realta' turi mod iehor.

Fid-deliberazzjoni taghha, l-ewwel Qorti ghamlitha altru milli car li l-atturi originarjament ippretendew ferm aktar danni minn dak li gie finalment likwidat lilhom fis-sentenza appellata. Di fatti, l-Ewwel Qorti qalet espressament:

> ".........<u>l-atturi ma ppruvawx</u> a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenuti <u>ghad-danni kollha li huma qed jirreklamaw</u> minghand il-konvenu <u>oltre dak ammess mill-konvenut".</u>

Mhux hekk biss imma l-Ewwel Qorti semmiet ukoll li l-konvenuti kienu sahansitra ghamlu offerta li jhallsu lill-atturi l-ammont ta' erba' mitt lira (Lm400) per saldu tal-vertenza, liema offerta l-atturi rrifjutaw. Lanqas kien kaz li jsir depozitu mill-offerenti taht l-awtorita' tal-Qorti, kif solitament isir f'cirkostanzi simili, sabiex il-konvenuti jezimu ruhhom minn kwalsiasi responsabilita' u jevitaw li jinkorru fi spejjez gudizzjarji bla bzonn. Ir-raguni ghal din hu l-fatt l-iehor rilevat ukoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li mill-ammont ta' Lm400 li l-konvenuti wrew li kienu lesti jhallsu per saldu.

> " .........minnhom Lm300 kienu diga' depozitati ghand l-atturi" (sottolinear tal-Qorti).

Ghalhekk finalment l-Ewwel Qorti rriteniet li "dan hu l-ammont li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi".

Mela, ladarba s-somma ta' Lm300 mill-ammont ta' Lm400 gia kienet f'idejn l-atturi, u meta l-konvenuti kienu offrew l-ammont kollu li finalment gie likwidat mill-Ewwel Qorti, x'gustifikazzjoni hemm fl-aggravju ta' l-atturi li qeghdin jippretendu li l-kap ta' l-ispejjez kien jispetta li jithallas min-naha tal-konvenuti? Fi kliem iehor, fid-diskrezzjoni adoperata mill-Ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda lapsus. Il-mod kif gie deciz il-kap ta' l-ispejjez kien jirrispekkja dak li hemm fis-sentenza appellata. Minflok ma l-atturi accettaw l-offerta tas-socjeta' konvenuta – li kienet wahda gustifikata –

iddecidew li jipprocedu b'citazzjoni. Eppretendew li kien haqqhom ammontar ta' danni akbar imma ma rnexxewx filli jippruvaw sodisfacentement tali pretensjoni. L-Ewwel Qorti qablet li kien haqqhom biss Lm400 – li Lm300 ("minnhom") kienu gja ghandhom. Is-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjez kienet gusta u korretta u timmerita konferma. L-aggravji ta' l-attrici ghalhekk la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-apell ta' l-atturi appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

mm